# FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## Gudikatur: Dr. Deborah Mifsud Attard B.A. LL.d

## Seduta ta' nhar it-Tlieta, 15 ta' Dicembru, 2015

## Talba Nru: 752/2014 DMA

**Argus Insurance Limited (C597) ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta' estera Argus Insurance Company (Europe) limited**

**Vs**

**Tracy Camilleri**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz fl-ismijiet premessi pprezentata fl-14 ta' Novembru, 2014 fejn is-socjeta' attrici talbet:

1. Matul is-sena 2012, il-konvenuta kienet assigurat il-vettura bin-numru ta' registrazzjoni TRA-479 mas-socjeta' attrici;

2. Nhar il-11 ta' Settembru, 2012 sehh incident awtomobilistiku gewwa Triq Mikiel Anton Vassalli, San Giljan bejn l-imsemmija vettura misjuqa mill-

konvenuta stess, il-vettura bin-numru ta' registrazzjoni GOD 159 di propjeta' ta' godwin Bugeja u l-vettura bin-numru ta' registrazzjoni JES 487 di propjeta ta' Bridget Calleja;

3. Il-konvenuta baqghet ma ressqitx claim mas-socjeta' attrici relattivament ghall-incident de quo, kif kienet obbligata taghmel kemm ai termini tal-Kap. 104 tal-Ligijiet ta' Malta, kif ukoll ai termini tal-ppolza ta' assigurazjzoni relattiva mahruga mis-socjeta' attrici;

4. Is-socjeta' attrici avzat lill-konvenuta sahansitra permezz ta' ittra ufficjali datat l-1 ta' Novembru 2013 illi n-nuqqas da parti taghha illi tirregistra claim jikkostitwixxi ksur tal-kundizzjonijiet tal-polza ta' assigurazzjoni mahruga fuq il-vettura taghha, u ghalhekk f'kaz illi tigi obbligata illi teffetwa xi pagamenti ghan-nom taghha, is-socjeta' attrici kienet sejra tipprocedi kontra l-konvenuta ghall-irkupru ta' l-ammonti kollha minnha sborsati in konnessjoni ma' dan il-kaz, u dana oltre ghall-ispejjez u l-interessi skond il-ligi;

5. Minkejja illi l-imsemmija ittra giet debitament notifikata, il-konvenuta baqghet qatt ma ressqet il-claim relattiv mas-socjeta' attrici;

6. Effettivament, in vista tal-fatt illi l-konvenuta ma rregistrat l-ebda oggezzjoni skond il-ligi, is-socjeta' attrici hallset lit-terzi ai termini tal-Kap 104. Tal-Ligijiet ta' Malta, is-somma ta' elf hames mija u erbgha u erbghin ewro u hamsin centezmu (€1,544.50) kif jista jigi ppruvat waqt it-trattazzjoni ta' dan il-kaz;

7. Peress illi l-konvenuta agixxiet bi ksur tal-kundizzjonijiet tal-polza ta' assigurazzjoni relattiva u tal-Ligi, is-socjeta' attricic hija awtomatikament intitolata illi tirkupra minghand l-istess konvenuta l-ammont ta' elf tmien mija u tlieta u tletin ewro u disgha u hamsin centezmu (€1,833.59) rapprezentanti in kwantu ghall-ammont ta' elf hames mija u erbgha u erbghin ewro u hamsin

centezmu (€1,544.50) l-ammont minnha sborsat favor terzi, u in kwantu ghall-ammont ta' mitejn u disgha u tmenin ewro u disgha centezmi (€289.09) l-ispejjez legali u gudizzjarji inkorsi mis-socjeta' attrici in konnessjoni ma' l-istess incident awtomobilistiku;

8. Inoltre, il-konvenuta ghad ghandha kont pendent mas-socjeta' attrici ta' mija u sitt ewro u sebgha u hamsin centezmu (€106.57) rapprezentanti premia dovuti mill-konvenuta ai termini tal-polza ta' assigurazzjoni mahrugha fuq il-vettura tal-istess konvenuta mis-socjeta' attrici liema premia, ghalkemm dovuti, il-konvenuta baqghet qatt ma hallset – u ghalhekk qedghin issiru dawn il-proceduri sabiex il-konvenuta tigi kkundanata thalas l-ammont totali ta' elf, disa' mija u erbghin ewro u sittax-il centezmu (€1,940.16) lis-socjeta' attrici.

Bl-ispejjez u bl-interessi legali mid-data tan-notifika tal-ittra ufficjali pprezentata kontra l-konvenuta nhar it-23 ta' Mejju, 2014 sad-data tal-hlas effettiv kontra l-konvenuta, illi tibqa' minn issa ingunta in subizzjoni.

Il-konvenuta debitament notifikata pprezentat risposta fejn eccepiet:

1. Illi t-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez;
2. Illi l-esponenti ma kisret l-ebda polza ghaliex hija kienet totalment estranja ghal incident imsemmi fit-talba;
3. Illi l-ebda pagament m'hu dovut lis-socjeta' attrici;
4. Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Iz-zewg partijiet resqu l-provi taghhom u t-Tribunal semgha dak li ghandhom xi jghidu, huwa tal-fehma illi f'dan il-kaz biex it-Tribunal ikun just irid jidhol biex jara jekk f'din il-kawza fil-hin li s-socjeta' attrici accettat il-htija kelliex ragun li taccetta dik ir-reponsabilita.

Ghal dan il-kaz il-kawza odjerna ma tibqax biss dik ta’ rizarciment mill-konvenuta lis-socjeta’ attrici imma jrid jiddecidi jekk is-socjeta’ attrici ghamlitx sew li accettat ir-responsabilita.

Dan it-Tribunal mhux kompetenti li jiddecidi kawzi ta’ htija bejn vetturi o meno u ghalhekk mhux il-forum tajjeb biex jiddecidi dan il-kaz.

In vista ta’ dan it-Tribunal jaqta’ u jiddecidi billi jilqa’ l-eccezzjoni tal-inkompetenza ratine material u jiddisponi minn dan il-kaz.

Spejjez tal-kaz ikunu a karigu tas-socjeta’ attrici.

**Avukat Dr. Deborah Mifsud Attard B.A. LL.d**

**Gudikatur**